

MT

F1 558340 DT Regolament dwar vetturi b'żewġ jew tliet roti u l-kwadriċikli
Sommarju Eżekuttiv

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 4.10.2010
SEG(2010) 1151

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument li jakkumpanja

**Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq tal-vetturi b'żewġ jew tliet roti u l-kwadriċikli**

Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt

Dan is-sommarju eżekuttiv tar-rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt jinvolveja biss id-dipartimenti tal-Kummissjoni involuti fit-tnejn tiegħu u huwa bla ħsara għall-għamla finali ta' kwalunkwe deċiżjoni li għandha tittieħed mill-Kummissjoni.

DĠ ewlieni: Id-DĠ għall-Intrapriża u l-Industrija

Il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2010

L-Aġenda tal-Ippjanar tal-Kummissjoni: 2010/ENTR/02

{KUMM(2010)542 finali}
{ SEG(2010) 1152}

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Sfond

'Vetturi tal-kategorija L' huwa terminu li jkopri firxa wiesgħa ta' tipi differenti ta' vetturi b'żewġ roti, tlieta jew erbgħa, pereżempju roti bil-mutur, ċiklomuturi b'żewġ roti jew tlieta, muturi b'żewġ roti jew tlieta, u muturi bis-side-ċar. Eżempji ta' vetturi tal-kategorija L b'erba' roti, magħrufa wkoll bħala kwadriċikli, huma l-quads maħsubin għall-użu fit-toroq li jintużaw fit-toroq pubbliċi u l-mini-cars.

Kategorija	Isem tal-vettura	Vetturi karatteristiċi	Kategorija	Isem tal-vettura	Vetturi karatteristiċi
L1e	Ċiklomutur		L5e	Vetturi bi tliet roti bil-magna	
L2e	Ċiklomutur bi tliet roti		L6e	Kwadriċikli ħfief	
L3e	Mutur		L7e	Kwadriċikli li jifilħu għall-istrapazz	
L4e	Mutur bis-side-ċar				

Figura 1: Eżempji ta' vetturi koperti mid-Direttiva ta' Qafas attwali 2002/24/KE

Is-suq tal-vetturi tal-kategorija L għandu tliet sottosetturi prinċipali. L-ikbar wieħed jinkludi 'vetturi b'żewġ roti bil-mutur' (PTW): roti bil-mutur, ċiklomuturi, scooters u muturi. B'kollox, in-numru ta' vetturi li attwalment qegħdin jiċċirkolaw huwa ta' madwar 30 miljun, skont il-Eurostat. FI-2007, is-suq tal-PTW fl-Ewropa kien ilaħħaq it-2.7 miljun vettura, meta wieħed iqs l-importazzjonijiet. FI-2006, is-settur tal-PTW kellu introjtu ta' EUR 34.1 biljun u impjega 159 100 ruħ.

FI-2008, is-settur tal-vetturi adattati għal kull terren (ATV) impjega 12 000 ruħ u kellu introjtu ta' EUR 2 biljun skont l-assoċjazzjoni tal-industrija tiegħu, ATVEA. Madwar 595 000 ATV kienu rreġistrati fl-UE dik is-sena.

Is-settur tal-UE tal-mini-cars, magħmul esklużivament minn manifatturi żgħar u ta' daqs medju, kien responsabbli għal total ta' 340 000 vettura fl-2008, 1.1 % tal-flotta tal-vetturi tal-kategorija L. Dan is-suq huwa iktar żviluppat fi Franza, Spanja u l-Italja. Il-bejgħ globali għall-2007 kien ta' 35 000 vettura. L-attur ewlieni fis-suq globali impjega madwar 200 ruħ fl-2008, u pproduċa 13 500 vettura fis-sena, inklużi 1 500 vettura elettrika (200-300 vettura użati għal skopijiet partikolari). Il-manifatturi tal-mini-cars ħafna drabi jkunu stabbiliti f'reġjuni fejn ma jkunx hemm netwerk industrijali żviluppat. Bil-maqlub ta' dan, l-industrija tal-mini-cars issostni netwerk kumpless ta' msieħba, li fuqu jiddependu 20 000 impjeg fl-Ewropa.

Attwalment ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda tal-kategorija L huma stipulati fid-Direttiva 2002/24/KE (id-'Direttiva ta' Qafas'). Barra minn hekk, sejre ta' direttivi li jissemew fid-Direttiva ta' Qafas jinkludu rekwiżiti tekniċi ddettaljati.

Bħala parti mir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni attwali, saret konsultazzjoni pubblika mit-22 ta' Diċembru 2008 sas-27 ta' Frar 2009 biex isiru magħrufa l-opinjonijiet tal-assoċjazzjonijiet, il-kumpaniji u l-awtoritajiet pubbliċi dwar aspetti kruċjali ta' miżuri proposti relatati mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi tal-kategorija L. L-opinjonijiet tal-partijiet interessati ġew imfittxja speċjalment dwar oġġetti pperċepiti li huma kontroversjali, inkluż it-twaħħil obbligatorju ta' sistemi tal-ibbrejkar anti-lock fil-PTWs, il-limiti għall-emissjonijiet riveduti għall-vetturi kollha tal-kategorija L, u l-kategorizzazzjoni mill-ġdid tal-vetturi f'sottokategoriji iktar adattati. L-opinjonijiet li ngħataw ġew imqassra f'rapport¹ u ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni.

Tul l-2008 u l-2009 saru żewġ studji biex jiġu vvalutati l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proposti relatati mal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi tal-kategorija L. Wieħed minnhom sar minn TRL Ltd ('ir-rapport tat-TRL') dwar miżuri ta' sigurtà potenzjali² u l-impatt tas-simplifikazzjoni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-vetturi

¹ http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/consultation/2_3_wheelers/results_report.pdf.

² http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/projects/report_new_measures_1_category.pdf.

tal-kategorija L. It-tieni studju li sar mill-Università ta' Thessaloniki ('ir-rapport LAT') irrapporta³ dwar miżuri ambjentali għall-vetturi tal-kategorija L. Iż-żewġ rapporti politiċi ġew użati bħala kontribut fil-valutazzjoni tal-impatt. L-istimi kwantitattivi tal-kost/benefiċċju fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ibbażati fuq iż-żewġ rapporti u, bl-eċċezzjoni tal-kost għal sistemi ta' brejkjar avvanzati, kienu meqjusa bħala plawsibbli u korretti mill-partijiet interessati. L-ACEM, l-assoċjazzjoni Ewropea tal-industrija tal-muturi, ukoll ipproponiet numru ta' miżuri li jkopri l-aspetti ambjentali u ta' sigurtà tal-vetturi tal-kategorija L biex tindirizza b'mod proattiv it-tfassib varju dwar l-ambjent u s-sigurtà identifikat fiż-żewġ rapporti

1. ID-DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

Il-Kummissjoni identifikat tħassib ewlieni varju assoċjat mad-dispożizzjonijiet attwali għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi tal-kategorija L:

- il-kumplessità tal-qafas legali,
- il-livell tal-emissjonijiet u l-proporzjon tiegħu li qed jiżdied fl-emissjonijiet totali mit-trasport bit-triq, li b'mod ġenerali qed jonqsu,
- aspetti ta' sigurtà, u
- nuqqas ta' qafas għal teknoloġiji ġodda

1.1. Il-kumplessità tal-qafas legali eżistenti

Inġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni li s-sistema eżistenti għall-vetturi tal-kategorija L hija kumplessa wisq u li għaldaqstant hemm lok għal simplifikazzjoni u armonizzazzjoni internazzjonali.

L-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-applikazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas qed jaffaċċjaw kost addizzjonali li mhumieq neċessarju fl-attentati tagħhom biex joperaw f'dan il-qafas regolatorju kumpless.

Il-vetturi tal-kategorija L iridu jikkonformaw ma' serje ta' rekwiżiti li jinsabu f'numru ta' direttivi separati. Id-Direttiva ta' Qafas hija marbuta ma' 13-il direttiva teknika u ddettaljata oħra, li ġew emendati minn 21 direttiva li jemendaw biex jirriflettu l-progress tekniku.

Barra minn hekk, ħafna mid-direttivi jinkludu referenzi għal regolamenti u standards applikati globalment, bħal dawk adottati mill-UNECE⁴, li wkoll huma suġġetti għal emendi. Finalment, in-natura differenti tar-regolamenti li jirregolaw l-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi tal-kategorija L twassal għal nuqqas ta' ċarezza legali u regolatorja. L-aġġornament kostanti ta' dawn jista' jkun proċess tqil u jwassal għal spejjeż addizzjonali għall-amministrazzjonijiet u l-industrija.

L-ispejjeż amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi f'dan ix-xenarju 'mingħajr tibdil' huma sinifikanti. Abbażi tal-istimi tal-ispejjeż ta' sitt Stati Membri, l-ispiża kumulattiva għas-27 Stat Membru tal-UE bejn l-2009 u l-2020 hija stmata li tlaħħaq EUR 3.1 miljun. Din l-ispiża għolja se tibqa' hemm, u hemm probabbiltà li tiżdied, jekk ma jsir l-ebda eżerċizzju ta' simplifikazzjoni biex jiġihassru miżuri li ma għadhomx jintużaw u titnaqqas il-kumplessità.

1.2. Livell għoli ta' emissjonijiet

Il-magni ta' vetturi tal-kategorija L jarmu prodotti sekondarji mhux mixtieqa bħal sustanzi niġġiesa tossiċi fl-arja u gassijiet b'effett ta' serra. L-emissjonijiet ta' fwar mill-ħżin u l-kunsinna tal-fjuwil huma kkunsidrati li huma tossiċi wkoll. Huwa magħruf jew issuspettat li sustanzi tossiċi li jniġġsu l-arja, bħal ċerti idrokarburi, jikkawżaw il-kanser jew effetti serji oħra fuq is-saħħa, bħal difetti riproduttivi jew fit-twelid. Is-sustanzi li jniġġsu l-arja jistgħu jikkawżaw effetti ambjentali negattivi oħra, bħax-xita aċiduża jew is-smog.

L-introduzzjoni tal-istandards tal-emissjonijiet Euro 5 u 6 għal karożżi tal-passiġġieri u l-istandards tal-emissjonijiet ta' vetturi li jifilħu għall-istrapazz Euro VI tisser li l-kontribut tal-vetturi tal-kategorija L se jsir iktar importanti fis-sinjura li ġejjin. Pereżempju, huwa stmat li t-total ta' idrokarburi mill-fwar u l-exhaust (THC) mitfugħin minn vetturi tal-kategorija L se jiżdied minn proporzjon ta' 38 % għal **62 %** tal-emissjonijiet totali tal-idrokarburi tas-settur tat-trasport bit-triq kollu sal-2021, jekk ma jittiħdux iktar miżuri. Dan prinċipalment minħabba t-tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-idrokarburi minn kategoriji oħra ta' trasport bit-triq. Illum il-ġurnata ċ-ċiklomotur huwa diġà wieħed mill-kontributori l-iktar sinifikanti għall-emissjonijiet tal-idrokarburi, u huwa mistenni li se jkun responsabbli għal **38 %** tal-emissjonijiet totali tal-idrokarbur mit-trasport bit-triq sal-2020.

³ http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/projects/report_measures_motorcycle_emissions.pdf.

⁴ <http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29pub/wp29pub2002e.pdf>.




Figura 2: Għall-vetturi tal-kategorija L, ix-xejriet tul iż-żmien fi proporzjonijiet assoluti u relattivi ta' emissjonijiet ta' idrokarbur, bis-suppożizzjoni li ma ssir l-ebda bidla fil-politika⁵.

Il-proporzjoni ta' CO li jintefa' minn vetturi tal-kategorija L huwa diġa' għoli ħafna, u huwa mistenni li jiżdied minn madwar **20 %** għal madwar **36 %** tal-emissjonijiet totali mit-trasport bit-triq fl-2020. F'għadd ta' bliet fin-Nofsinhar tal-Ewropa l-PTWs huma pprojbti li jidħlu fil-belt fil-każ ta' allarm tat-trabijiet fini fi għranet sħan sajfin biex jiġu prevenuti l-emissjonijiet eċċessivi tal-partikuli. Billi l-vetturi tal-kategorija L huma responsabbli għal 3 % biss tal-emissjonijiet tal-mili totali li jsiru mit-trasport bit-triq, l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa tagħhom huwa kkunsidrat li huma għolja b'mod sproporzjonat.

Il-qafas legali eżistenti li jirregola l-emissjonijiet tal-vetturi tal-kategorija L kien adottat fl-2002. Minn dakinhar, it-teknoloġija evolviet b'mod mgħaġġel. Minħabba d-differenzi kbar fil-kostruzzjoni tal-vetturi, id-disinn u t-teknoloġiji ta' propulsjoni li hemm fis-suq attwalment, il-qafas legali eżistenti ma għadux rilevanti.

Il-gassijiet b'effett ta' serra li mhumix tossiċi (GHGs) li jittgħu l-PTWs, pereżempju s-CO₂, globalment jirrappreżentaw proporzjon żgħir ħafna mill-emissjonijiet totali mit-trasport bit-triq. Madankollu, mhuwiex ovvju għall-konsumatur medju jekk vettura hix effiċjenti fir-rigward tal-konsum tal-fjuwil u x'livell ta' CO₂ titfa', peress li attwalment ma hemmx rekwiżiti ta' ttikkettar (li huwa bil-maqlub għall-karozzi tal-passiġġieri). Biex il-konsumatur jiġi infurmat b'mod ċar, konċiż u armonizzat, tinħtieġ dejta ta' kejl oġġettiva pereżempju kejl tal-emissjonijiet tas-CO₂ u tal-konsum tal-fjuwil f'ittestjar ta' dimostrazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip, li mbagħad jista' jintuża bħala bażi għal sistema ta' ttikkettar iktar tard. Ir-rekwiżit ta' approvazzjoni tat-tip biex tiġi ddeterminata din id-dejta oġġettiva mill-manifattur attwalment mhix obligatorja għall-vetturi tal-kategorija L, li huwa ta' tħassib.

L-emissjonijiet minn vetturi iktar qodma jstgħu jaqbuż l-limiti b'mod eċċessiv biss wara 20 000 km ta' sewqan, billi ma hemmx rekwiżiti ta' durabbiltà fid-Direttiva ta' Qafas. Id-durabbiltà titkejjel permezz tal-ittestjar tal-emissjonijiet ta' vetturi qodma u l-komponenti ta' trattament ta' wara tal-exhaust li jkunu akkumulaw, pereżempju fil-każ tal-muturi 50 000 km qabel l-introduzzjoni ta' vettura fis-suq, kif muri mill-manifattur lill-awtoritajiet għall-approvazzjoni tat-tip. Dawn ir-rekwiżiti diġà daħlu fis-seħħ f'partijiet oħra tad-dinja (l-Istati Uniti, l-Indja, iċ-Ċina, it-Tajlandja, it-Tajwan u Singapor) u japplikaw ukoll għal kategoriji oħra ta' vetturi tat-triq fl-UE (karozzi, trakkijiet).

Finalment, vettura li ma tniġġisx tista' ssir vettura li tniġġes ħafna jekk komponent jew sistema rilevanti għall-emissjonijiet ma tibqax tiffunzjona jew tiddegrada. Dan jirrikjedi:

- Notifika lis-sewwieq permezz ta' pereżempju dawl li jindika li hemm ħsara bħal li sistema jew komponent essenzjali tal-vettura ma' jkunx qed jiffunzjona skont l-ispeċifikazzjoni teknika tiegħu jew ma jkunx qed jaħdem;
- Disponibbiltà u aċċess faċli għal informazzjoni dijanjostika standardizzata. Is-sistema dijanjostika abbord tista' tagħmel din l-informazzjoni disponibbli biex il-vettura tkun tista' tisewwa b'mod effettiv u effiċjenti;
- Aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni żviluppata mill-manifattur tal-vettura. Sfortunatament, attwalment dan huwa possibbli biss għal ħwienet li jagħmlu tiswija bil-kuntratt, mhux għan-negozjanti indipendenti jew għas-sidien tal-vetturi u din mhix biss problema ta' kompetizzjoni iżda għandha wkoll

⁵ NB. 'Il-vetturi l-oħra kollha' tinkludi l-karozzi tal-passiġġieri, vannijiet tal-kunsinna, trakkijiet u xarabankijiet. Sors: Ir-rapport LAT. L-assi primarju Y (xellug): HC = emissjonijiet ta' idrokarbur; 2.0E+05 = 200 000, 1.0E+06 = 1 000 000, 1 t = 1000 kg. L-assi sekondarju Y (lemin): proporzjon ta' vetturi tal-kategorija L bħala % tal-emissjonijiet tal-idrokarbur mit-trasport bit-triq kollu

bħala effetti sekondarji negattivi emissjonijiet għolja ta' sustanzi niġġiesa u tħassib possibbli fir-rigward tas-sigurtà.

1.3. Għadd kbir ta' fatalitajiet fit-toroq u riskji ta' sigurtà

Is-sewwieqa ta' vetturi tal-kategorija L jaffaċċjaw riskju ħafna ikbar ta' aċċidenti fatali jew serji minn sewwieqa oħra. Ir-rata ta' fatalitajiet għal kull miljun kilometru li jsir hija, fuq medja, **18-il darba oġħla** milli għall-karozzi tal-passiġġieri. FI-2006, il-vetturi tal-kategorija L kienu responsabbli għal **2 %** tad-distanza misjuqa iżda għal **16 %** tal-imwiet fit-toroq fil-25 pajjiż tal-UE (ETSC, 2007). Barra minn hekk, filwaqt li tipi ta' vetturi oħra esperjenzaw tnaqqis sinifikanti fil-fatalitajiet u l-korrimenti serji tul iż-żmien, iċ-ċifri għall-vetturi tal-kategorija L baqgħu l-istess jew saħansitra żdiedu xi daqsxejn.

FI-2008, **5520** passiġġier f'PTW **mietu** f'aċċidenti fit-triq. Barra minn hekk l-għadd ta' **korrimenti serji** huwa stmat li huwa **5.5 sa 13-il darba oġħla** mill-għadd ta' fatalitajiet (bejn 30 000 u 72 000 passiġġier). L-għadd ta' **korrimenti ħfief**, li huwa ħafna iktar diffiċli li jiġi stmat, jista' jkun bejn **12 sa 28 darba oġħla** (bejn 66 000 u 155 000 passiġġier) fis-27 Stat Membru tal-UE.




Figura 3: L-evoluzzjoni fil-fatalitajiet fit-toroq fost daww li jsuqu l-mutur fl-UE tul iż-żmien

It-tbagħbis jista' jtejjeb il-faċilità tas-sewqan u l-prestazzjoni tal-magna iżda jiggrava l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u l-konsum tal-fjuwil. Barra minn hekk, prestazzjoni aħjar tal-magna żżid il-veloċità massima tal-vettura (illegallment) b'tali mod li l-komponenti l-oħra tal-vettura ma jkunux jistgħu jlaħħqu, pereżempju brejkijiet li ma jiffunzjonawx tajjeb. Dan jista' jirriżulta f'vettura li ma tkunx sigura kemm għall-passiġġieri u kemm għall-ambjent. Għal din ir-raġuni, fid-Direttiva ta' Qafas eżistenti għaċ-ċiklomuturi u muturi b'inqas qawwa hemm inklużi miżuri kontra t-tbagħbis. Madankollu, minħabba t-tranżizzjoni minn kontroll mekkaniku għal wieħed elettroniku tal-magna u l-użu li qed jiżdied ta' tipi oħra ta' propulsjoni (pereżempju magni elettriċi jew ibridi), il-miżuri eżistenti jista' jkun li ma għadhomx effettivi jew jista' jkun li saħansitra ma għadhomx jintużaw.

Il-mini-cars huma definiti bħala vetturi b'erba' roti bi prestazzjoni u massa limitati. Il-problema ta' dawn il-vetturi hija li s-sewwieqa jistgħu jassumu l-istess livell ta' sigurtà attiva u passiva bħal fil-karozzi tal-passiġġieri. Madankollu, il-kunċett ta' kif inhuma mfasslin, veloċitajiet massimi iktar baxxi u rekwiżiti inqas stretti għall-approvazzjoni tat-tip ifissru li din is-suppożizzjoni mhix neċessarjament korretta. Is-sigurtà iktar baxxa tal-mini-cars meta mqabbla mal-karozzi tal-passiġġieri hija għalhekk identifikata bħala tħassib.

Qasam ieħor ta' tħassib għas-sigurtà huwa li l-quads iddisinjati biex jintużaw għall-off-roading (vetturi għal kull terren) ħafna drabi jinsaq f'toroq pubbliċi. Kif jindika isimhom, dawn il-vetturi prinċipalment huma maħsubin biex ma jintużawx fit-toroq pubbliċi. Madankollu, l-użu tagħhom fit-toroq pubbliċi bejn il-mogħdijiet ta' terren selvaġġ prattikament ma jistax jiġi evitat fl-Ewropa. L-użu tal-ATVs fit-toroq jista' jqajjem kwistjonijiet ta' sigurtà minħabba l-kapaċità tagħhom ta' aċċelerazzjoni għolja u ċ-ċentru ta' gravità għoli tagħhom, li jistgħu jikkawżaw li l-vettura tixxaqleb fuq ġenb waqt li tkun qed iddur ma kantuniera. Biex jaħdmu sew f'terren selvaġġ, dawn il-vetturi mhumix mgħammra b'differenzjal fuq il-fus motorizzati, li huwa karatteristika bażika tas-sigurtà għas-

sewqan f'toroq pubbliċi b'wiċċ iebes. F'għadd ta' bliet tal-UE, l-użu tagħhom huwa projbit għal raġunijiet ta' sigurtà.

Fjuwils fi stat ta' gass, pereżempju s-CNG, l-LPG u l-idroġenu, huma meqjusa perikolużi mill-konsumaturi u bħala riskju potenzjali ta' sigurtà, għalkemm jistgħu jipprovdu benefiċċji ambjentali sinifikanti. It-teknoloġija tal-idroġenu jista' jkun li għadha mhix żviluppata biżżejjed biex tintuża fil-vetturi tal-kategorija L.

1.4. Nuqqas ta' qafas legali għat-teknoloġiji l-ġodda

It-teknoloġija tal-vetturi tal-kategorija L evolviet b'pass mgħaġġel tul l-aħħar deċennju. L-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni assoċjata sar b'pass ħafna iktar kajman, bir-riżultat li ċerti vetturi ma għadhomx jistgħu jiġu allokat li fil-kategorija adattata tal-vetturi L u għadd ta' miżuri eżistenti ma għadhomx adegwati. Il-quads għall-użu fit-toroq pubbliċi u dawk għall-off-roading u l-mini-cars attwalment kollha jaqgħu taħt l-istess kategorija, L7e, u kollha huma suġġetti għall-istess rekwiżiti. Madankollu, il-quads u l-mini-cars huma intrinsikament tant differenti fid-disinn tagħhom li t-tnejn li huma jeħtieġu rekwiżiti legali speċifiċi biex ikunu siguri u jikkonformaw mal-istandards ambjentali adegwati. Ir-roti elettriċi b'mutur b'qawwa baxxa (inqas minn 250 W, sa 25 km/h) attwalment ma jaqgħux fi ħdan il-qafas legali. Barra minn hekk, roti b'mutur iktar qawwi li jlaħħaq sa 1000 W ukoll qed isiru popolari ħafna madwar l-UE. Attwalment, dawn ir-roti b'mutur iktar qawwi ('il fuq minn 250 W, iktar minn 25 km/h) huwa klassifikati bħala ċiklomuturi. Dawn ir-roti għalhekk għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għal vetturi b'magni ta' kombustjoni, li mhumex adattati għal vettura li hi purament elettrika.

2. SUSSIDJARJETA

Qabel l-approvazzjoni tat-tip tal-UE għal vetturi tal-kategorija L, ir-regolamenti kienu jiġu stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri. Il-leġiżlazzjoni adottata mill-Istati Membri ħafna drabi kienet tvarja u l-manifatturi li kienu jbigħu f'diversi swieq kienu obbligati li jvarjaw il-produzzjoni tagħhom għal kull suq u li l-vetturi tagħhom jiġu ttestjati f'kull Stat Membru inkwistjoni, proċess li kien jieħu ħafna ħin u jqum il-flus. Regoli nazzjonali differenti, għaldaqstant kienu jostakolaw il-kummerċ, u kellhom effett negattiv fuq is-suq intern.

Għaldaqstant kien neċessarju li jiġu stabbiliti standards fil-livell tal-UE, partikolarment biex jiġi indirizzat it-tħassib mifrux mal-UE kollha fir-rigward tas-sigurtà u l-effetti negattivi fuq is-saħħa u l-ambjent tat-tniġġis tal-arja. Livelli għolja ta' emissjonijiet f'xenarji urbani lokali jistgħu jiġu kkontrollati permezz ta' miżuri meħuda minn Stati Membri individwali, iżda l-emissjonijiet globali ma jiqfux mal-fruntieri. Dan it-tħassib jista' jiġi indirizzat biss permezz ta' miżuri armonizzati mifruxa mal-UE. Raġunament bħal dan għadu validu illum il-ġurnata, billi hija meħtieġa azzjoni tal-UE biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern u jiġi żgurat livell għoli u ugwali ta' protezzjoni madwar l-Ewropa.

Valur miżjud addizzjonali tal-leġiżlazzjoni tal-UE huwa li r-rekwiżiti legali armonizzati jippermettu lill-industrija tapprofita mill-ekonomija l-kbar: pereżempju, il-prodotti jistgħu jiġu mmanifatturati għas-suq Ewropew kollu, minflok isirulhom aġġustamenti biex jiksbu l-approvazzjoni tat-tip nazzjonali għal kull Stat Membru. Il-konsumaturi se jibbenefikaw minn prezzijiet iktar baxxi tal-prodotti, li huma taħt pressjoni kostanti minħabba l-kompetizzjoni madwar l-UE.

3. GĦANIJET TAL-INIZJATTIVA TAL-UE

L-għanijiet tal-inizjattiva huma **simplifikazzjoni** tal-qafas legali eżistenti, kontribut għal proporzjon **iktar baxx u proporzjonat tal-emissjonijiet** gloabli tat-trasport bit-triq, u **żieda fis-sigurtà tal-vetturi** għal vetturi ġodda li jkunu se jitqiegħdu fis-suq.

L-għan ta' simplifikazzjoni speċifiku huwa li jiġi żviluppat approċċ regolatorju inqas kumpless li jiżgura effiċjenza ikbar, inqas ħela ta' ħin u adattament inqas peżanti għall-progress tekniku u li jelimina d-duplikazzjoni tal-istandards internazzjonali, biex b'hekk il-partijiet interessati ma jaffaċċjawx diversi settijiet ta' rekwiżiti differenti li jindirizzaw l-istess problema.

L-għan speċifiku għall-**emissjonijiet** huwa li l-proporzjon tal-emissjonijiet mill-vetturi tal-kategorija L fl-emissjonijiet globali mit-trasport bit-triq jibqa' tal-inqas kostanti meta mqabbel mal-livelli attwali, jew preferibbilment jitnaqqas meta mqabbel mal-mili vjaġġati użati/totali attwali meta mqabbla ma' kategoriji oħra ta' vetturi tat-triq. L-emissjonijiet ta' fwar jista' jkun ukoll li jkun hemm bżonn jiġu indirizzati.

L-għanijiet ta' sigurtà speċifiċi qegħdin hemm biex jgħinu fil-kisba tal-istess tnaqqis kbir fil-fatalitajiet u d-diżgrazzji minħabba l-aċċidenti fit-toroq bħal fir-rigward ta' mezzi tat-trasport bit-triq oħra, bix-xejriet li qed jonqsu fil-fatalitajiet li jinvolvu l-karozzi tal-passiġġieri mis-sena 2000 bħala l-punt ta' riferiment, biex jiġi mmassimizzat it-tnaqqis fl-aċċidenti biex jiġu prevenuti kemm jista' jkun possibbli korrimenti serji u dawk ħfief, u biex in-numru ta' fatalitajiet u diżgrazzji attwali minħabba aċċidenti fit-toroq jitqarreb lejn l-miri tas-sigurtà għal żmien medju sat-tul.

Finalment, għadd ta' żviluppi teknoloġiċi għandhom ikunu riflessi fir-rekwiżiti legali fil-livell tal-UE biex l-industrija tkun tista' tapprova t-tip għal prodott darba biss u biex imbagħad ma tpoġġix prodotti ċċertifikati fis-suq intern tal-UE biss, iżda anke f'pajjiżi li jagħżlu li japplikaw ir-regolamenti tal-UNECE.

4. ĦARSA ĠENERALI LEJN GĦAŻLIET POLITIĊI VVALUTATI U GĦAŻLIET PREFERUTI

Għal kull wieħed minn dawn l-oġġetti ġew analizzati numru ta' għażliet (l-għażliet preferuti huma indikati bil-blu):

Simplifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE	(1) L-ebda bidla fil-politika; (2) Jiġu revokati d-direttivi eżistenti u jeħdihom posthom numru minimu ta' regolamenti; (3) Riformazzjoni tad-Direttiva ta' Qafas eżistenti 2002/24/KE u l-miżuri implimentattivi tagħha.
Miżuri ambjentali: miżuri ġodda jew riveduti għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ġodda	Għażliet politiċi għal limiti ġodda għall-emissjonijiet: (1) L-ebda azzjoni; (2) Limiti ġodda għall-emissjonijiet għaċ-ċiklomuturi L1e: ċiklu ta' testijiet R47 ta' startjar mill-kiesaħ u fattur ta' peżar mill-kiesaħ ta' 30 %; (3) il-proposta tal-industrija tal-muturi (terminu qasir sa medju); (4) Miżuri ġodda bbażati fuq l-aqwa teknoloġija disponibbli; (5) Limiti ġodda għall-vetturi kollha tal-kategorija L ekwivalenti f'termini assoluti għall-Euro 5 għall-karozzi tal-passiġġieri (fit-tul). Użu ta' Ċiklu ta' Testijiet Dinjija għall-Muturi (WMTC) rivedut għall-vetturi kollha tal-kategorija L: (1) L-ebda bidla; (2) Użu ta' Ċiklu ta' Testijiet Dinjija għall-Muturi (WMTC) rivedut u armonizzat għall-vetturi kollha tal-kategorija L.
Miżuri ambjentali: miżuri ġodda jew riveduti għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda, ikompli	Rekwiżit tal-approvazzjoni tat-tip għall-kejl tas-CO₂ u d-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil u r-rappurtar tiegħu: (1) L-ebda bidla; (2) Introduzzjoni attwali ta' rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-kejl tas-CO₂ u d-determinazzjoni tal-konsum tal-fjuwil u r-rappurtar tiegħu. Test u limitu għall-emissjonijiet ta' fwar: (1) L-ebda bidla; (2) Tibdil tal-mudelli eżistenti kollha bil-karburatur b'mudelli bl-injezzjoni tal-fjuwil; (3) Test u limitu għall-emissjonijiet ta' fwar li jiżguraw kontroll tal-emissjonijiet ta' fwar għall-vetturi kollha tal-kategorija L. Rekwiżiti ta' durabbiltà: (1) L-ebda bidla; (2) Deterjorament imnaqqas għal 10 % tul il-ħajja utli u estrapolazzjoni lineari għal mili itwal vjaġġati; (3) Ħajja utli miżjuda b'60 %, jiġifieri ekwivalenti għaż-żieda għall-karozzi tal-passiġġieri meta saret il-bidla minn Euro 3 (80 000 km) għal Euro 5 (160 000 km).
Miżuri ambjentali: miżuri ġodda għall-kontroll tal-emissjonijiet mill-vetturi li qegħdin jintużaw	Testijiet u limiti għall-konformità fl-użu (IUC): (1) L-ebda bidla; (2) Proċedura IUC obbligatorja għall-muturi kollha Euro 3. Sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) u aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija: (1) L-ebda bidla (l-ebda introduzzjoni ta' sistemi OBD u/jew aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija); (2) L-użu ta' sistemi OBD simili għal dawk fil-karozzi tal-passiġġieri (OBD Ewropej), inklużi l-effiċjenza tal-katalizzatur u l-monitoraġġ ta' meta l-magna ma taqbadx. Dispożizzjoni dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, b'hal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri; (3) Użu tal-aqwa teknoloġija disponibbli (BAT): monitoraġġ ta' funzjonament ħażin sekondarju (pereżempju test ta' integrità taċ-ċirkwit) (l-ewwel stadju tal-OBD) għall-vetturi kollha tal-kategorija L, bla monitoraġġ tal-effiċjenza tal-katalizzatur. Dispożizzjoni dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, b'hal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri;

Miżuri ta' sigurtà: miżuri dwar l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda	Tgħammir obligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet avvanzati: (1) L-ebda bidla; (2) Sistemi ta' brejkijiet anti-lock fil-PTWs kollha; (3) Sistemi ta' brejkijiet anti-lock fil-PTWs b'kapaċità taċ-ċilindru⁶ ikbar minn 125 cm³ u sistemi ta' brejkijiet avvanzati (sistemi ta' brejkijiet ikkombinati u/jew sistemi ta' brejkijiet anti-lock) fuq muturi b'kapaċità taċ-ċilindru ikbar minn 50 cm³ u daqs jew inqas minn 125 cm³; JEW (4) Tgħammir obligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet avvanzati f'muturi li jissodisfaw il-kriterji tal-prestazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan A2⁷. Tgħammir obligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet anti-lock fil-muturi kollha L3e; (5) Awto-regolazzjoni tal-industrija. Miżuri għal kontra t-tbagħbis: (1) L-ebda bidla; (2) Jiġi rrevokat il-Kapitolu 7 tad-Direttiva 97/24/KE, miżuri ta' kontra t-tbagħbis li attwalment ma għadhomx jintużaw; (3) Miżuri għal kontra t-tbagħbis. Limitu ta' qawwa ta' 74 kW għall-muturi (1) L-ebda bidla; (2) Tiġi rrevokata l-għażla mogħtija lill-Istati Membri li jllimitaw il-qawwa għal 74kW; (3) Jiġi stabbilit limitu armonizzat ta' 74 kW; (4) Jintuża limitu alternattiv, pereżempju proporzjon tal-qawwa meta mqabbla mal-massa.
Kategorizzazzjoni mtejbja tal-vetturi tal-kategorija L	Kategorizzazzjoni mill-ġdid ta' tipi ta' vetturi bħal roti elettriċi, triċikli (L5e) u kwadriċikli (kategoriji L6e u L7e): (1): L-ebda bidla fil-politika; (2): Jiġu esklużi l-kwadriċikli u r-roti u t-triċikli elettriċi mir-Regolament ta' Qafas; (3): Ritorn lejn l-ispiritu oriġinali tal-leġiżlazzjoni għall-mini-cars; (4): Tittejjeb il-leġiżlazzjoni billi jiżdiedu rekwiżiti ġodda għall-mini-cars ibbażati fuq ir-rekwiżiti għall-karozzi; (5): Jiġu rfinati l-kategoriji tal-vetturi bl-introduzzjoni ta' sottokategoriji speċifiċi f'L1e, L5e, L6e u L7e. Jiżdiedu rekwiżiti ġodda/riveduti għal dawn is-sottokategoriji. Rekwiżiti speċifiċi għall-vetturi tal-kategorija L7e (1): L-ebda bidla fil-politika; (2): Jiġu esklużi l-quads għall-off-roading (ATVs) mir-Regolament ta' Qafas u jiġu inklużi rekwiżiti tas-sigurtà u l-emissjonijiet ġodda għall-kwadriċikli li jintużaw fit-toroq pubbliċi (quads għat-toroq pubbliċi u mini-cars); (3): Tinżamm il-kategorija eżistenti L7e u jiżdiedu rekwiżiti ġodda tas-sigurtà għall-kwadriċikli kollha; (4): Jinħolqu kategoriji ġodda f'L7e b'rekwiżiti speċifiċi għal kwadriċikli għall-off-roading u għall-użu f'toroq pubbliċi. Rekwiżiti speċifiċi għal fjuwils u propulsjonijiet alternattivi (1) L-ebda bidla (leġiżlazzjoni fil-livell nazzjonali); (2) Leġiżlazzjoni fil-livell tal-UE permezz ta' kategorizzazzjoni iktar irfinuta tal-vetturi b'miżuri speċifiċi għall-vetturi u t-teknoloġiji ta' propulsjoni differenti.

Tabella 1: Farsa ġenerali lejn għażliet politiki vvalutati u għażliet preferuti

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATTI U KONKLUŻJONIJIET

L-għażliet ġew analizzati fir-rigward ta' kemm kieku jikkontribwixxu għall-għanijiet. Fejn kien hemm deġta disponibbli, saret analiżi kwalitattiva u kwantitattiva tal-għażliet politiki kollha. F'każijiet oħra, saret biss analiżi kwalitattiva biex jiġu eżaminati l-impatti ekonomiċi, ambjentali, tas-sigurtà u soċjali għal kull għażla. FI-aħħar stadju, il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-għażliet differenti ġew imqabblin fir-rigward tal-effettività, l-effiċjenza, u l-koerenza. L-impatti prinċipali tal-għażliet preferuti huma ppreżentati hawn taħt.

5.1. Simplifikazzjoni ta' leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE

Għażla preferuta 2: Jiġu revokati d-direttivi eżistenti u jeħdihom posthom numru minimu ta' regolamenti. **Impatti mistennija:** benefiċċji għall-awtoritajiet nazzjonali għall-approvazzjoni tat-tip, bħal pereżempju: **(1)** wara investiment inizjali, spejjeż annwali mnaqqsa tas-sistema regolatorja, **(2)** l-ebda traspożizzjoni u spejjeż tat-traduzzjoni mnaqqsa. Bejn l-2009 u l-2020, il-benefiċċju għall-awtoritajiet nazzjonali meta mqabbel max-xenarju

⁶ Il-volum ta' 125 cm³ jirrelata mal-limiti stabbiliti fid-Direttiva 2006/126/KE (Id-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan irriformalata) għall-kategorija A1: muturi b'kapaċità taċ-ċilindru li ma taqbiżx il-125 cm³, ta' qawwa li ma taqbiżx il-11-il kW u bi proporzjon tal-qawwa/piż li ma jaqbiżx iż-0.1 kW / kg.

⁷ Limiti stabbiliti mid-Direttiva 2006/126/KE (id-Direttiva dwar il-Liċenzji tas-Sewqan irriformalata) kategorija A2: 1) qawwa li ma taqbiżx il-35 kW, bi 2) proporzjon ta' qawwa/piż li ma jaqbiżx iż-0.2 kW / kg, u 3) li ma tkunx ġejja minn vettura ta' qawwa iktar mid-doppju.

ta' referenza huwa stmat li hu EUR 1.12-il miljun. Benefiċċji għall-industrija inklużi l-SMEs, u l-konsumaturi: **(3)** standardizzazzjoni tad-disinn tal-komponenti u tal-vetturi, li twassal għal ekonomija ikbar għall-industrija u għal prezzijiet iktar baxxi għall-konsumaturi. Il-benefiċċji monetarji għall-industrija u l-konsumaturi ma setgħux jiġu kwantifikati.

5.2. Miżuri ambjentali: miżuri ġodda jew riveduti għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda

5.2.1. Għażliet politiki għal limiti ġodda għall-emissjonijiet

Għażla preferuta 3: il-proposta tal-industrija tal-muturi għall-perjodu qasir sa dak medju (bejn l-2014 u l-2017) u l-għażla 5 (il-limiti għall-emissjonijiet Euro 5 għall-karozzi tal-passiġġieri) għat-tul. **Impatti mistennija: (1)** emissjonijiet imnaqqsin minn vetturi ġodda mill-2009 għall-2020: CO (-16 %), HC (-15 %), PM (-37 %), u NOx (-27 %); **(2)** l-aħjar stima tal-ispejjeż totali (NPV) għall-industrija għal bejn l-2009 u l-2020: EUR 7.6 miljun.

5.2.2. Ċiklu ta' testijiet fil-laboratorju tal-emissjonijiet

Għażla preferuta 2: użu ta' Ċiklu ta' Testijiet Dinjija għall-Muturi (WMTC) rivedut għall-vetturi kollha tal-kategorija L **Impatti mistennija: (1)** ekonomiji ta' kobar għall-manifatturi li jbigħu vetturi tal-kategorija L globalment, possibbilment spejjeż iktar baxxi għall-konsumaturi, li jirriżultaw fi prezzijiet tal-vetturi iktar baxxi; **(2)** simulazzjoni aħjar tal-kondizzjonijiet tas-sewqan li jeżistu fil-ħajja reali; **(3)** trasparenza miżjuda għall-konsumaturi, li tippermettilhom jikkumparaw tipi differenti ta' vetturi fir-rigward ta' konsum ta' fjuwil, emissjonijiet tas-CO₂ u emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa (HC, CO u NOx).

5.2.3. Approvazzjoni tat-tip għas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil, ittikkettar tal-vetturi

Għażla preferuta 2: Rekwiżit għall-approvazzjoni tat-tip għad-determinazzjoni u r-rappurtar tal-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil biss

Impatti mistennija: (1) informazzjoni oġġettiva għall-konsumaturi dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil attwali bħala sostenn għad-deċizzjonijiet biex jinxtraw vetturi iktar effiċjenti fir-rigward tal-konsum tal-fjuwil; **(2)** trasparenza tal-prestazzjoni tal-vettura fir-rigward tal-effiċjenza tal-fjuwil fil-kategorija L (L1e sa L7e), li tipprovdi wkoll bażi għal tqabbil ma' mezzi oħra ta' trasport; **(3)** żieda marġinali fl-ispejjeż antiċipati, skont il-kompetizzjoni fis-suq l-industrija tista' tagħżel li tittrasferixxi din l-ispiża fuq il-konsumatur jew tassorbiha.

5.2.4. Test u limitu għall-emissjonijiet ta' fwar:

Għażla preferuta 3: test u limitu għall-emissjonijiet ta' fwar għall-vetturi kollha tal-kategorija L **Impatti mistennija: (1)** iktar tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet ta' fwar tal-HC mill-PTWs biss (ara wkoll 5.2.1) ta' bejn wieħed u ieħor 2800 tonnellata sal-2020; **(2)** l-aħjar stima tal-ispiża għall-manifatturi hija ta' EUR 513-il miljun għall-PTWs.

5.2.5. Rekwiżiti ta' durabbiltà

Għażla preferuta 2: deterjorament limitat għal 10 % tul il-ħajja utli tal-vettura (pereżempju 12000 km għaċ-ċiklomuturi tal-kategorija L1, 50000 km għaċ-ċiklomuturi tal-kategorija L3e, eċċ) b'estrapolazzjoni lineari għal distanzi vjaġġati itwal. **Impatti mistennija: (1)** tnaqqis stmat fl-emissjonijiet fi 15-il pajjiż tal-UE sal-2020: HC: 12500 tonnellata; CO: 75 500 tonnellata; u NOx: 3 400 tonnellata; **(2)** vetturi ta' kwalità aħjar minħabba durabbiltà miżjuda ta' komponenti rilevanti għall-emissjonijiet, pereżempju konvertituri katalitiċi; **(3)** spejjeż miżjuda ta' konformità għall-manifatturi jistgħu jirriżultaw fi prezzijiet oġġla għall-konsumatur, iżda dan ma setax jiġi kwantifikat.

5.3. Miżuri ambjentali: miżuri ġodda għall-kontroll tal-emissjonijiet mill-vetturi minn vetturi li qegħdin jintużaw

5.3.1. Testijiet u limiti għall-konformità fl-użu (IUC):

Għażla preferuta 1: l-ebda bidla. **Impatt mistenni (1)** ikkunsidrat li mhux fattibbli għal raġunijiet prattiċi.

5.3.2. Sistemi dijanjostiċi abbord (OBD) u aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija

Għażla preferuta 3: użu tal-aħjar teknoloġija disponibbli: monitoraġġ ta' funzjonament ħażin sekondarju (pereżempju test ta' integrità taċ-ċirkwit) (l-ewwel stadju tal-OBD) għall-vetturi kollha tal-kategorija L (L1e — L7e), bla monitoraġġ tal-effiċjenza tal-katalizzatur u tal-magna meta ma taqbadx: dispożizzjoni dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, bħal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri; **Impatti mistennija: (1)** impatt ambjentali mnaqqas sinifikattivament minħabba ħsarat; **(2)** informazzjoni standardizzata dwar il-ħsarat disponibbli għal persuni li jagħmlu tiswijiet indipendenti, bir-riżultat li jitnaqqsu l-ispejjeż u l-ħin meħtieġ biex issir dijanjosi tal-ħsarat; **(3)** użu tal-OBD bħala alternativa għal testijiet bl-użu tal-gassijiet fi spezzjoni teknika peridika (PTI) jekk tkun applikata, bħal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri; **(4)** investment addizzjonali baxx fil-teknoloġija (hardware u software) għall-manifatturi, peress li l-karatteristiċi tal-ewwel stadju tal-OBD huma disponibbli fl-industrija kollha (iżda għandhom ma ġewx standardizzati).

5.4. Miżuri ta' sigurtà għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda

5.4.1. Tgħammir obbligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet avvanzati:

Għażla preferuta 3: sistemi ta' brejkijiet anti-lock fil-PTWs b'kapaċità taċ-ċilindru⁶ ikbar minn 125 cm³ u sistemi ta' brejkijiet avvanzati (sistemi ta' brejkijiet ikkombinati u/jew sistemi ta' brejkijiet anti-lock) fuq muturi b'kapaċità taċ-ċilindru ikbar minn 50 cm³ u daqs jew inqas minn 125 cm³;

JEW

Għażla preferuta 4: tgħammir obbligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet avvanzati f'muturi li jissodisfaw il-kriterji tal-prestazzjoni għal-liċenzja tas-sewqan A2⁷; tgħammir obbligatorju ta' sistemi ta' brejkijiet anti-lock fil-muturi kollha l-oħra L3e;

Impatti mistennija: (1) tnaqqis sinifikanti fil-fatalitajiet u d-diżgrazzji fit-toroq; l-aħjar stima għal tnaqqis fit-tul (bejn l-2011 u l-2021) fil-fatalitajiet: **5332**; **(2)** l-aħjar stima tal-ispejjeż totali għall-industrija (bejn l-2011 u l-2021): EUR 3.46 miljun; **(3)** l-aħjar stima tal-benefiċċju għas-soċjetà minħabba inqas fatalitajiet: EUR 4.54 biljun; inqas korrimenti serji: EUR 1.4–3.3 biljun, inqas korrimenti ħfief: EUR 184-409 miljun; **(5)** l-aqwa stima ta' benefiċċji/spejjeż għall-prevenzjoni tal-aċċidenti (bejn l-2011 u l-2021): 2.4 – 3.2, l-aqwa stima ta' benefiċċji/spejjeż għal inqas diżgrazzji fit-toroq (bejn l-2011 u l-2021): 2.0 – 2.6

5.4.2. Miżuri għal kontra t-tbagħbis

Għażla preferuta 3: miżuri ġodda għal kontra t-tbagħbis. **Impatti mistennija: (1)** prevenzjoni ta' effetti negattivi tat-tbagħbis bħal konsum ikbar ta' fjuwil u iktar storbju, iktar emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa u tas-CO₂; **(2)** effetti ekonomiċi possibbli għal perjodu qasir fuq ċerti fornituri ta' wara t-tqegħid fis-suq, li jfornu tagħmir u servizzi għal modifikazzjonijiet partikolari tat-teknoloġija attwali tal-vetturi li jirriżultaw f'effetti negattivi fuq is-sigurtà u l-ambjent.

5.4.3. Limitu ta' qawwa ta' 74 kW għall-muturi

Għażla preferuta 2: tiġi rrevokata l-għażla mogħtija lill-Istati Membri li jillimitaw il-qawwa għal 74 kW; **Impatti mistennija: (1)** mhux antiċipat tnaqqis sinifikanti fis-sigurtà ġenerali; **(2)** tnaqqis tal-piż fuq il-manifatturi tal-vetturi.

5.5. Kategorizzazzjoni mtejba tal-vetturi tal-kategorija L

5.5.1. Kategorizzazzjoni mill-ġdid tat-tipi ta' vetturi bħal ċerti roti u kwadriċikli elettriċi.

Għażla preferuta 5: introduzzjoni ta' sottokategoriji. Jiżiedu rekwiżiti ġodda/riveduti għal dawn is-sottokategoriji. **Impatti mistennija: (1)** Spiża ta' darba ta' konformità addizzjonali possibbli għall-manifatturi; **(2)** konsistenza mtejba tas-sistema regolatorja; **(3)** titjib fis-sigurtà, il-ħsejjes, l-emissjonijiet tas-CO₂ u tas-sustanzi niġġiesa, u fil-konsum tal-fjuwil.

5.5.2. Rekwiżiti speċifiċi għall-vetturi tal-kategorija L7e (kwadriċikli)

Għażla preferuta 2: tinħoloq sottokategorija ġdida għall-quads li jintużaw fit-toroq pubbliċi u waħda għall-mini-cars. **Impatti mistennija: (1)** spejjeż ta' konformità addizzjonali possibbli mġarrba mill-manifatturi pereżempju għall-quads li jintużaw fit-toroq pubbliċi, bil-ħtieġa li l-vetturi jikkonformaw ma' kriterji riveduti **(2)** konsistenza u koerenza mtejbin tas-sistema regolatorja; **(3)** sigurtà, ħsejjes u emissjonijiet tas-CO₂ u s-sustanzi niġġiesa mtejbin, u konsum tal-fjuwil imtejjeb għall-quads li jintużaw fit-toroq pubbliċi u l-mini-cars; **(4)** il-vetturi għal kull terren (ATVs) se jaqgħu taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju fir-rigward tal-miżuri tas-sigurtà u taħt id-Direttiva dwar il-Makkinarju Mobbli li ma Jintużax fit-Toroq fir-rigward tal-miżuri ambjentali.

L-għażla 4 li kienet preferuta fil-bidu, bil-kategorija L7e diviża fi tliet sottokategoriji (L7A: quads li jintużaw fit-toroq pubbliċi; L7B: quads għall-off-roading, jiġifieri vetturi għal kull terren (ATVs); u L7C: mini-cars), sfortunatament kellha tiġi abbandunata peress li r-Regolament il-ġdid ikopri biss il-vetturi li jintużaw fit-toroq pubbliċi jew dawk irreġistrati għal użu fit-toroq pubbliċi u billi l-ATVs u l-quads li jintużaw fit-toroq pubbliċi ma tistax issir distinzjoni tajba biżżejjed bejniethom abbażi ta' kriterji tad-disinn li huwa diffiċli jew li jqum il-flus biex jiġu mmodifikati.

5.5.3. Rekwiżiti speċifiċi għal fjuwils alternattivi bil-gass u propulsjonijiet alternattivi (elettriċi, ibridi)

Għażla preferuta 2: leġislazzjoni fil-livell tal-UE permezz ta' kategorizzazzjoni iktar irfinuta tal-vetturi b'miżuri speċifiċi għall-vetturi u t-teknoloġiji ta' propulsjoni differenti. **Impatti mistennija: (1)** fjuwils f'forma ta' gass b'mod ġenerali: benefiċċji ambjentali, pereżempju emissjonijiet iktar baxxi ta' materja partikulata, idrokarburi mhux bil-metan u CO, livell simili ta' emissjonijiet ta' NOx; **(2)** leġislazzjoni simplifikata permezz ta' miżuri iktar ċari u adegwati, bl-eliminazzjoni ta' rekwiżiti li ma għadhomx jintużaw jew li ma għadhomx rilevanti; **(3)** il-possibbiltà ta' inklużjoni ta' standards internazzjonali (CEN / UNECE). It-teknoloġija bl-idroġenu għal vetturi b'żewġ roti bil-magna ma kienx ikkunsidrat li kienet żviluppata meta saret l-analiżi (2009).

6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

6.1. Simplifikazzjoni ta' leġislazzjoni eżistenti tal-UE

Il-kwistjonijiet li ġejjin għandhom jiġu vvalutati mill-Istati Membri biex jiġi żgurat li l-leġislazzjoni eżistenti tal-UE ġiet issimplifikata tassew: parametri prinċipali għall-ispejjeż użati bħala bażi għall-analiżi; numru ta' emendi

meħtieġa għal direttivi rilevanti għal kull sena; spejjeż eżistenti għall-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistema attwali; numru ta' approvazzjonijiet tat-tip għal kull sena; żmien meħud biex jiġu implimentati l-bidliet regolatorji, id-disinni tal-vetturi u l-istandardizzazzjoni; numru ta' laqgħat tal-gruppi tal-istandards tekniċi; spejjeż ta' vjaġġar u numru ta' parteċipanti. Ir-rispons mill-industrija u partijiet interessati oħra għandhom jiġu inklużi f'din il-valutazzjoni.

6.2. Miżuri ambjentali għall-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi

Tliet snin wara l-ewwel applikazzjoni, il-qafas legali l-ġdid għandu jiġi rivedut mill-Kummissjoni biex jiġi ddeterminat jekk is-suppożizzjonijiet u l-mudelli tal-emissjonijiet jikkonformawx mar-realtà. F'din ir-reviżjoni għandha tiġi inkluża jekk il-promozzjoni addizzjonali tal-vetturi elettriċi tindirizzax l-emissjonijiet li huma sproporzjonatament għolja mill-vetturi tal-kategorija L li huma mgħammra b'magna ta' kombustjoni. Barra minn hekk, għandha tivvaluta l-bżonn li jiġu inklużi dispożizzjonijiet għall-emissjonijiet off-cycle wara l-2020 għal vetturi mgħammra b'tali magni. L-għażla 5 preferuta għat-tul għandha tiġi kkonfermata minn studju dwar l-effetti ambjentali. Iktar monitoraġġ u valutazzjoni mill-Istati Membri se jkunu meħtieġa wara jew waqt il-perjodu meta l-għażla 3 tkun fis-seħħ.

6.3. Miżuri ta' sigurtà għall-approvazzjoni tat-tip għal vetturi ġodda

Biex jiġi mmonitorjat l-effett ta' kwalunkwe bidla fil-leġiżlazzjoni, in-numru ta' aċċidenti bil-muturi għandu jiġi mmonitorjat mill-Istati Membri, preferibbilment fir-rigward tal-kapaċità tal-magna tal-mutur, it-tagħmir imwaħħal u l-kategorija tal-liċenzja tas-sewqan tas-sewwieq. Il-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt attwali kienet influwenzata min-nuqqas ta' dejta affidabbli dwar l-aċċidenti mhux fatali fit-toroq, u b'hekk kien hemm bżonn li jsiru xi suppożizzjonijiet ta' natura wiesgħa. Id-disponibbiltà tad-dejta affidabbli f'dan il-qasam tippermetti li dawn is-suppożizzjonijiet jiġu vverifikati u tippermetti valutazzjoni iktar preċiża tal-effett tal-bidliet proposti. Kien hemm informazzjoni minima disponibbli dwar l-ispejjeż u l-effettività ta' sistemi ta' brejkijiet ikkombinati. Id-dejta mill-istudji ta' riċerka simili għal dawk dwar is-sistemi ta' brejkijiet anti-lock iżżid il-fiduċja fl-impatt soċjali stmat tal-prevenzjoni tal-aċċidenti fit-toroq.

6.4. Kategorizzazzjoni mtejbja tal-vetturi tal-kategorija L

L-inċertezzi sinifikanti jibqgħu hemm dwar l-ispejjeż prinċipali fil-proċess ta' approvazzjoni u fl-impatti tas-sigurtà u dawk ambjentali tal-għażliet proposti. Dawn għandhom jiġu mmonitorjati u għandha tinkiseb iktar dejta mill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex il-valutazzjoni tal-impatti tiġi rfinuta. Hija meħtieġa iktar dejta ddettaljata dwar l-aċċidenti biex tingħata informazzjoni dwar is-sigurtà tal-kwadriċikli u biex l-impatt ta' kwalunkwe miżura jkun jista' jiġi vvalutat. Kategorizzazzjoni iktar speċifika ta' vetturi tal-kategoriji L1e, L6e u L7e tippermetti li l-impatt tas-sigurtà ta' miżuri futuri jiġi mmonitorjat b'mod iktar effettiv.